## 15 ta' Marzu, 1991

## Imħallfin:-

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Agent *Accountat General et*

*versus*

George Xuereb *noe.*

## Il-Kjamata in Kawża – Utilità Tagħha

*Il-kjamata in kważa għandha fost oħrajn il-funzjoni li tkun preżenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament ma' l-atturi iżda mal-konvenut in kwantu dan ta' l-aħħar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur għal kull dannu li jista' jsofri għaliex ikun dan li fil-konfront tiegħu irid jirrispondi.*

*Il-preżenza tas-sub-appaltatur hija utli kemm għaliex il-provi jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li esegixxa x-xogħol, u kemm għaliex dan ta' l-aħħar ma jkunx 'il quddiem jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avvanzax difiża valida u effiċċjenti fil-konfront tal-atturi u b'hekk ġiet bata huwa.*

*Però t-talba għal kjamata in kawża b'ebda mod ma setgħet tfisser illi b'daqshekk is-soċjetà konvenuta kienet qatt teħles mir-responsabilità kontrattwali tagħha, kif din hija stabbilita mill-kuntratt ta' appalt.*

Il-Qorti:- Ikkunsidrat:

F'din il-kawża quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ l-attur qed jitlob dikjarazzjoni kontra s-soċjetà konvenuta li esegwiet ħażin parti mix-xogħol li kellha b'appalt tagħmel fl-Isptar St. Vincent de Paule – u cjoè is-soffitt f'waħda mis-swali ta' l-istess sptar; u sabiex tordna l-eżekuzzjoni mill-ġdid tal-istess, skond l-arti u s-sengħa;

Waħda mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta soċjetà kienet illi dan ix-xogħol fis-soffitt kien ġie minnha mogħti in sub-appalt lis-soċjetà *"S. Guillaumier & Co. Ltd."* u għalhekk fil-25 ta' Jannar 1989 ġiet mitluba l-kjamata in kawża tas-soċjetà sub-appaltatriċi;

L-atturi opponew għaliex in-numru għoxrin (20) tal-*"General Clauses"* annessi mal-kuntratt ta' appalt – dokument B – jgħid:

"20. Subcontracting.

The contractor shall be held directly responsible for any subcontracted trade;"

L-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, fl-istess data ċaħdet it-talba għall-kjamata in kawża;

George Xuereb nomine appella mid-digriet peress illi l-atturi kienu jafu bis-sub-appaltaturi tant li indikawhom bħala xhieda; li l-klawsola 20 tirrikonoxxi li sub-appalti setgħu jingħataw mill-appaltatur u li mhux kontestat li x-xogħol fis-soffitt sar mis-soċjetà indikata S. Guillaumier & Sons Limited;

Id-digriet ta' ċaħda mhuwiex motivat u għalhekk huwa null inkwantu din il-Qorti mhix f'posizzjoni li tikkunsidra li tapprovah meta huwa għandu tali nuqqas;

Din il-Qorti kif kostitwita, però tapprezza r-rikors tal-1 ta' *Ġunju 1989 da* parti *tal*-atturi rigward *l*-interess u *l*-urġenza soċjali u kommunitarja tal-eżitu ta' din il-kawża u għalhekk – se tassumi li r-raġuni taċ-ċaħda tat-talba tal-kjamata in kawża hija dik li ġiet avvanzata mill-atturi. Jekk dan huwa korrett għandu jingħad li din ir-raġuni hija għal kollox inattendibbli. **Il-kjamata in kawża għandha** wkoll **fost oħrajn il-funzjoni li tkun preżenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament ma' l-atturi iżda mal-konvenut, inkwantu dan ta' l-aħħar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur għal kull dannu li jista' jsofri għaliex ikun dan li fil-konfront tiegħu jrid jirrispondi. Il-preżenza tas-sub-appaltatur** għalhekk **hija utli** għakliex telimina l-possibiltà ta' komplikazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-eżekuzzjoni tax-xogħol – **kemm għaliex il-provi** essenzjalment **jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li eżegwixxa x-xogħol, u kemm għaliex dan ta' l-aħħar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avvanzax difiża valida u effiċjenti fil-konfront tal-atturi u b'hekk ġiet bata huwa;**

Għalhekk, il-kjamata in kawża mitluba għandha tiġi konċessa għaliex hija utli u effiċjenti kif hemm aħjar spjegat fil-ġurisprudenza li nbniet madwar l-istitut tal-kjamata in kawża kif aħjar dettaljat fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-lum stess fil-kawża Joseph Riolo *pro. et noe.* vs Carmel Muscat *et noe. f'appell mill*-Onorabbli Prim'Awla *tal*-Qorti Ċivili;

Fuq *kollox* **però *t-talba għal kjamata in kawża b'ebda* mod ma setgħet tfisser illi b'daqshekk is-soċjetà konvenuta kienet qatt teħles** – a bażi tagħha – **mir-responsabilità kuntrattwali tagħha, kif din hija stabbilita mill-kuntratt ta' appalt.**

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li din il-Qorti qed tannulla d-digriet tal-ewwel Onorabbli Qorti tal-25 ta' Jannar 1989 u tirrimanda l-atti quddiem dik il-Qorti biex terġa' tikkunsidra t-talba tas-soċjetà konvenuta għall-kjamata in kawża u għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni tal-istess kawża bl-aktar mod spedit, *li fiċ-ċirkostanzi, jistgħu jiġu lilha akkordati.*

Spejjeż ta' dan l-inċident għall-atturi.